

*Tixxennaq u Tinfena Ruħi għat-Tempju tal-Mulej (4)*

# *Il-Kwadru Titulari*

*Kitba ta' Mario Formosa Holt*

## *Sfond Storiku*

Fil-bidu tal-kitba tagħna, ta' din is-sena, jeħtiġielna li għal ftit ħin inbaħħru lejn in-naħa l-oħra tal-port ta' Marsamxett u allura lejn il-Belt Valletta. F'tarf Triq Merkanti, tgħasses id-daħla tal-Port il-Kbir, insibu l-Knisja tal-Portu Salvu mmexxija mill-Patrijiet Dumnikani. Il-knisja li naraw illum mhix dik li nbniet fil-bidu tal-Ħakma ta l-Ordni tas-Salib bi tmien Ponot f'Malta. Fil-fatt kien nhar id-19 t'April 1571 li tqiegħdet l-ewwel ġebla ta' dik il-knisja li bdiet tinbena fuq pjanta tal-magħruf arkitett Gilormu Cassar. Irridu ngħidu wkoll li l-Patrijiet Dumnikani mal-bidu tal-bini tal-Belt Valletta fuq l-għolja xib-er-ras fl-1566 kienu jaqsmu bil-lanċa mill-kunvent tagħhom tal-Lunzjata fil-Birgu sabiex jassistu spiritwalment il-ħaddiema fil-belt il-ġdida.

Kien b'konsegwenza t'hekk li l-Papa San Piju V irrikonoxxa l-ħidma pastorali tagħhom u permezz tal-Bolla "Ex debito pastorali officiċi" għolla l-knisja tagħhom għad-dinjita' ta' parroċċa prinċipali u Matriċi tal-Belt il-ġdida kollha kemm hi. Fil-fatt il-bolla ġġib id-data tat-2 ta' Lulju 1571 meta allura l-istess knisja kienet għadha qed tinbena. Ix-xogħol fuq il-bini ta' din il-Knisja ddedikata lil SIDNA MARIJA TAL-PORTU SALVU, mexa bil-mod tant li tlesta minn kollox fl-1617. Naturalment il-Patrijiet ħasbu sabiex jżejnu mill-aħjar li jistgħu t-tempju t'Alla.

Fost dawn l-opri ta' l-arti sagra nsibu l-kwadru titulari bl-ewwel darba li jissemma jkun fil-Viżta Pastorali li fl-1602 kien għamel l-isqof Gargallo. Dan il-kwadru msemmi kien ingħata lill-Patrijiet Dumnikani qabel id-9 ta' Ġunju 1583 mill-Kavallier ta' l-Ordni Caraffa. Dan il-Kavallier kien wieħed minn dawk il-qalbiena li ssieltu fl-Assedju ta' l-1565. B'xorti ħażina l-ewwel knisja Dumnikana fil-Belt Valletta maż-żmien ġarrbet ħsarat strutturali kbar kawża tat-terremoti u l-maltempati li ħakmu l-gżejjer tagħna f'dawk iż-żminijiet u allura kellha tinħatt saħansitra fuq ordni tal-Granmastru ta' dak iż-żmien, Emmanuel De Rohan.

Nhar is-7 ta' Marzu 1804 beda xogħol tal-bini tal-knisja li nsibu llum. Dan sar fuq pjanta ta' Mastru Antonio Cachia. L-inġinier u arkitett Antonio Cachia, fi żmien L-ordni ta' San Gwann f'pajjiżna kien fdat b'diversi progetti ta' prestiġju bħal tkomplija tax-xogħol fuq il-Berġa ta' Kastilja, l-bini tal-Bibljoteka ġewwa l-Belt, kif ukoll il-Forti Tigne f'tas-Sliema.



Il-knisja l-ġdida nfetħet għal kult u ġiet imbierka nhar il-15 ta' Mejju 1815. Kien dan żmien diffiċli għal pajjiżna għax ġie fuqna l-flaġell tal-pesta tal-1813 u allura x-xogħol fuq il-bini tal-Knisja tal-Portu Salvu kellu jieqaf sabiex jissokta aktar tard. Il-Patrijiet Dumnikani, b'sogru kbir għal ħajjithom u xi wħud minnhom anke mietu kawża ta' din il-marda, kienu b'mod erojku jwasslu s-Sagrament Imqaddes lil dawk milquta bil-pesta. B'rikonoxximent għal ħidma tagħhom, il-Papa Piju VII permezz tal-Brevi "Explorata proximorum delictio" tal-25 ta' Marzo 1816, eżatt mitejn sena ilu, għolla l-Knisja tal-Portu Salvu għad-dinjita' ta' Bażilika. Din kienet l-ewwel darba li dan il-privileġġ ingħata f'pajjiżna.

Issa li l-Knisja tal-Portu Salvu saret Bażilika il-Patrijiet Dumnikani raw kif ser ikomplu jsubbħuha. Nhar it-28 t'April 1845, l-artist magħruf Pietru Pawl Caruana ġie mqabbad ipitter l-abside ta' l-istess knisja. Pietru Pawl twieled il-Belt Valletta nhar l-4 ta' Jannar 1793 u tgħammed fl-istess Knisja Dumnikana. Ta' 26 sena ntbagħat jistudja Ruma wara li rebaħ borża ta' studju.

Fil-belt Eterna għamel ħbieb ma' diversi artisti ta' fama, fosthom Tommaso Minardi li saħansitra kien il-parrinu ta' l-ewwel wild tiegħu, Raffaele. Peress li s-suġġett li pitter Pietru Pawl Caruana kien juri l-Madonna tal-Portu Salvu fil-Glorja u l-kwadru titulari, mogħti snin qabel mill-Kavallier Caraffa, kien juri l-istess ħaġa, dan ta' l-aħħar tneħħa minn postu. Minfloku l-istess Pietru Pawl Caruana pitter kwadru titulari ieħor li juri ż-żjara tal-Madonna lil Santa Eliżabetta.

## *Il-Kwadru ta' Raffaele Caruana*

Issa jmiss li mill-belt Valletta nerġgħu lura lejn beltna Tas-Sliema ta' 160 sena ilu. Lejn l-ewwel nofs tas-seklu Dsatax il-Kappella tal-Madonna tal-Grazzja(il-Knisja ż-żgħira kif inhi magħrufa fostna) kienet saret żgħira wisq għal popolazzjoni li kulma jmur bdiet tikber. Inħasset il-ħtieġa ta' knisja akbar u nhar is-Sibt 11 t'Awwissu 1855 ġiet miftuħa u mbierka il-Knisja ta' Stella Maris. Biż-żmien bdiet tiżżejjen b'opri artistiċi u fl-1861 Girolamo Tagliaferro rregala l-kwadru titulari, xogħol il-pittur Raffaele Caruana(1820-1886), li semmejna aktar qabel.

F'dan il-kwadru, li llum jinsab fis-sagristija, naraw il-Madonna bil-Bambin f'ħoġorha fl-isfond ta' Kewkba kbira. Fil-parti t'isfel tal-kwadru naraw xini dieħel fil-port ta' Marsamxett u lil hinn jidhru kemm il-Ponta ta' Tigne u l-Forti Sant'Iermu. Huwa kwadru sempliċi ta' stil purista, kif kien ipinġi Raffaele Caruana li l-aktar li kien magħruf bħala ritrattista u żgur li qatt ma laħaq il-livell artistiku li bih kien mogħni missieru Pietru Pawl.

## *Sir Ferdinand Inglott*

Sadanittant bil-popolazzjoni Slimiża tkompli tikber fin-numru, inħasset il-ħtieġa mhux biss li l-Knisja ta' Stella Maris titkabbar iżda wkoll li ssir Parroċċa fl-1878. Bħala xogħol Strutturali nsibu li tkabbret il-Korsija u żdiedu l-kor, il-kappelluni u s-sagristija, Meta tlesta l-kor deher biċ-ċar li l-kwadru titulari mpitter minn Caruana kien xi



ftit żgħir sabiex jitwaħħal f'postu. Beda jinħema l-ħsieb li jiġi kkummissjonat kwadru ġdid. Hawn daħal fix-xena Sir Ferdinand Inglott. Huwa kien jgħix il-Belt Valletta iżda kien jiġi villeġġjatura Tas-Sliema f'numru 79 Triq it-Torri. Fil-fatt baqa' jgħix hawnhekk sakemm miet fl-1893.

It-Tabib Inglott ħabb il-Knisja ta' Stella Maris u xtaq li jkun hu li jirregala l-kwadru titulari għall-istess knisja. Huwa għamel kuntatt mal-pittur Taljan Pietro Gagliardi u fil-fatt nhar it-18 ta' Ġunju 1877 huwa rċieva buzzett tal-kwadru flimkien ma' ittra li tiddeskrivi l-kompożizzjoni ta' l-istess pittura.

Gagliardi twieled Ruma nhar id-9 ta' Awwissu 1809 iben Francesco u Angela xebba Zucchi u miet Frascati nhar id-9 ta' Settembru 1890. Huwa kien jifforma parti minn-ċirku ta' pitturi Taljani li kien jħaddmu t-talenti tagħhom f'Malta f'dak il-perjodu u li kienu ta' theddida għall-artisti lokali l-aktar għal Giuseppe Cali. Fost ix-xogħlijiet ta' Gagliardi f'Malta nistgħu nsemmu tnejn biss u dawn huma l-kwadru titulari ta' San Gejtanu fil-Ħamrun u l-kwadru tal-Patroċinju ta' San Ġużepp fil-Knisja ta' Sta Marija ta' Ġesu fir-Rabat ta' l-Imdina.

Minkejja li l-buzzett li għamel Gagliardi għal Sir Ferdinand qatt ma ġie mpitter fi kwadru, kif naqraw f'dan il-ktejjeb għandu storja ferm interessanti marbuta miegħu speċjalment ma' t-Istatwa Titulari. Sabiex inkunu aktar korretti rridu ngħidu li ftit snin ilu l-artist bravu Għawdxi Adonai Camilleri Cauchi pitter dan il-kwadru u llum isebbaħ is-sala prinċipali tas-sede tas-Soċjetà Filarmonika Stella Maris.



*Sir Ferdinand Inglott*
*- Benefattur kbir tal-Knisja ta' Stella Maris.*



Wieħed hawnhekk jistaqsi u bir-raġun, allura la t-Tabib Inglott kellu saħansitra l-buzzett f'idejh ta' wieħed mill-pitturi l-aktar mifittxija, għaliex baqa' ma sarx? Irridu ngħidu hawn li Ferdinand Inglott kien dilettant kbir ta' l-arti u li kien ser jikkumissjona lil Gagliardi hi xhieda ta' dan. Pero bħala wieħed li japprezza l-arti ried imur għal xi ħaġa ifjen u ta' aktar ta' preġju. Huwa sar jaf li fil kannierja llum magħrufa bħala Sala San Duminku, tal-Knisja ta' Portu Salvu kien hemm abbandunata l-pittura li darba kienet isservi bħala kwadru titulari ta' l-istess Knisja. Huwa xtara din il-pittura u rrestawraha huwa stess u fl-1891 rregalha lill-Knisja ta' Stella Maris. Il-Patrijiet Dumnikani meta raw il-kwadru rrestawrat riduh lura u saħansitra talbu li almenu jagħmlu kundizzjoni li ġaladarba dan jitneħħa minn postu jerġa jirritorna għandhom. Nistgħu għalhekk ngħidu li bis-saħħa ta' Sir Ferdinand Inglott il-Knisja ta' Stella Maris 125 sena ilu stagħniet b'opra ta' l-arti mill-isbaħ.

Barra milli huwa opra ta' l-arti fina fih innifsu, il-kwadru jiġbor fih tagħlim profond dwar il-fidi tagħna. Fuq nett tal-kwadru naraw il-Madonna bil-Bambin f'ħoġorha u mdawra bl-angli, eżattament żewġ angli fuq kull ġemb. Żewġ puttini jidhru qed iżommu kuruna fuq ras il-Madonna. Fin-naħa t'isfel tal-kwadru għandna lil San Duminku ta' Guzman u lil San Tumas minn Aquino. Bejniethom, għarkuptejh jidher il-Kavallier Vincenzo Caraffa li kkumissjona l-istess kwadru.

## *Restawr fuq il-kwadru*

Meta l-knisja ntlaqtet waqt ħbtit mill-għadu fit-Tieni Gwerra Dinjija, dan il-kwadru garrab ħsarat kbar, fejn kważi ċċarrat min-nofs. B'xorti ħażina ġie anke vandalizzat minn xi ħadd irresponsabbli meta l-Knisja kienet magħluqa għall-kult wara l-ħsarat li soffriet waqt il-gwerra. Kien tqabbad sabiex jagħmel xogħol ta' restawr fuq il-kwadru l-pittur Giorgio Preca, liema restawr tlesta f'Awwissu 1945.

Propju erba' snin ilu, fl-2012 inħass il-ħtieġa li din il-ġawhra ta' arti sagra tiġi rrestawrata bl-aktar mod professjonali u xjentifiku li wieħed jistenna fi żminijietna. Dan ix-xogħol instensiv ta' restawr ġie fdat lid-ditta Recoop taħt id-direzzjoni ta' Dr. Keith Sciberras u Roderick Abela. Ir-restawr li sar reġa mhux biss ta' ħajja lill-istess kwadru, naddfuh minn xi żiedet li saru b'interventi ta' l-imgħoddi, kif ukoll miż-żjut ta' matul is-snin u fuq kollox ġie ritornat fl-istat oriġinali tiegħu. Anke jekk l-awtur tiegħu sal-lum għadna ma nafux eżattament min hu, waqt l-istess restawr sirna nafu permezz ta' studji li saru fuq il-kwadru affarijiet kif ukoll ħargu dettalji li kien ilhom misturin bosta snin. Il-kwadru ġie mpitter barra minn Malta u li huwa wieħed mill-ftit kwadri fil-knejjes taghna mpitter b'stil magħruf bħala mannerista.



Kien tassew pass għaqli u kuraġġjuż li ħa l-eks Kappillan illum Mons. Joe Bartolo specjalment meta wieħed iqis li kien jinvolvi ħafna spejjeż kbar iżjed u iżjed meta fl-istess żmien kien qiegħed isir ir-restawr ta' l-arżella. Bħalma dejjem insostnu hu dmir tagħna lkoll li nżommu fi stat tajjeb dak kollu li ta' qabilna ħallewna, xhieda ħajja u qawwija taż-żelu tagħhom lejn id-Dar t'Alla ddedikata lil Marija Kewkba tal-Baħar.



*Il-Kappillan Inguanez mall-pittur Giorgio Preca waqt ix-xogħol ta' restawr tat-Titular*

## *Referenzi:*


Tezori fil-Knejjes Maltin Vol:1 – Tony Terrible

Programm Festa San Duminku 2006 – Guido Lanfranco

Programm Festa San Duminku 2015 – Victor Scerri

Lehen il-Parroċċa Stella Maris N.3 – John Bisazza

Il-Mument 8/12/2002 – J.C. Camilleri

Programm Każin Banda Zejtun 2012 – Kan. Dun Joe Abela.

Tas-Sliema, Il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris – Maurice Busietta